**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 157/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-bijoetanol li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU 2013 L 49, p. 10), sa fejn jikkonċerna lir-rikorrenti u lill-membri tagħhom.

**Dispożittiv**

1) *Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Growth Energy, Renewable Fuels Association, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea u ePURE, de Europese Producenten Unie van Hernieuwbare Ethanol għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 226, 3.8.2013..

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Novembru 2019 – ZI vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-618/18)** ([1])

***("Servizz pubbliku – Uffiċjali – Kopertura mill-Iskema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard – Affiljazzjoni tal-konjuġi tal-uffiċjal – Assenza ta' interess ġuridiku – Inammissibbiltà")***

(2020/C 19/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZI (rappreżentant: J.-N. Louis, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u L. Vernier, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-kovenuta:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: J. Van Pottelberge u J. Steele, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Meyer u M. Alver, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni, tal-4 ta' Diċembru 2017, tal-Uffiċċju ta' "Amministrazzjoni u Ħlas tal-Intitolamenti Individwali" (PMO) tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-affiljazzjoni tar-raġel tar-rikorrenti fl-Iskema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *ZI hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 455, 17.12.2018.